MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2006

Numru 53/2006

Il-Pulizija
(Sp Roland Cassar)
vs
Ramsi Abdalla, iben Abdalla,
imwieled Tripoli, Libja,
passaport numru 327984

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fid-29 ta’ mejju, 2006 għal ħabta tal-11.30 a.m. –
1. hedded mingħajr ma dorb jew qabad arma bil-ponta kontra Carmel Abela mir-Rabat;
2. kiser il-bon ordni u il-paċi pubblika b’għajjat u ġlied;
3. kellu fil-pussess tiegħu strument li jaqta’ u bil-ponta (mus) mingħajr il-liċenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat il-verbal tas-seduta tal-31 ta’ mejju, 2006 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 338(dd) u 339(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 13(1) tal-Kapitolu 66 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannah għal piena ta' sitt xhur priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor fi żmien sentejn mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------